**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 32**

**It-Tnejn, 15 ta' Diċembru 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.38 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Katya De Giovanni*, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Omar Farrugia u l-Onor. Stanley Zammit kienu preżenti.

*Sostitut tal-Onor. Amanda Spiteri Grech

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa 31, li saret nhar it-Tnejn, 10 ta' Novembru 2025, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SA CLAUDETTE ABELA BALDACCHINO GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAĊ-ĊEKJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Novembru 2025, li fiha kien hemm erba' nomini għal Ambaxxaturi mhux residenti.

Il-Kumitat kellu quddiemu n-nomina tas-Sa Claudette Abela Baldacchino għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għaċ-Ċekja.

Il-Kumitat stieden lis-Sa Claudette Abela Baldacchino sabiex tidher quddiem il-Kumitat biex isirulha mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li hija kienet bagħtet lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-4.39 p.m. is-Sa Claudette Abela Baldacchino daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sa Claudette Abela Baldacchino li d-domandi u t-tweġibiet tagħha kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-Artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-

laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sa Abela Baldacchino tat rendikont tal-karriera tagħha, u ċjoè fix-xandir, fis-settur pubbliku u bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Fil-mument hija tokkupa l-irwol ta' Direttur Outreach and Public Engagement, ma' Xjenza Malta li taħtha taqa' l-Esplora.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni dwar l-irwol li jkollha s-Sa Abela Baldacchino jekk tkun tokkupa l-kariga ta' Ambaxxatur Mhux Residenti ta' Malta għaċ-Ċekja, u xi sfidi u opportunitajiet tara li hemm bejn iż-żewġ pajjiżi.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sa Abela Baldacchino u talabha tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Fil-4.45 p.m. is-Sa Claudette Abela Baldacchino rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sa Claudette Abela Baldacchino għall-kariga ta' Ambaxxatur Mhux Residenti għaċ-Ċekja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet unanimament.

Fil-4.48 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sa Claudette Abela Baldacchino tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sa Claudette Abela Baldacchino daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġiet informata li n-nomina tagħha għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta Mhux Residenti għaċ-Ċekja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u t-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Fil-4.48 p.m. is-Sa Claudette Abela Baldacchino rringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SA MARIA CAMILLERI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-MALASJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Novembru 2025, dwar in-nomina tas-Sa Maria Camilleri għall-kariga ta' Ambaxxatur Mhux Residenti għall-Malasja.

Il-Kumitat stieden lis-Sa Maria Camilleri sabiex tidher quddiem il-Kumitat biex isirulha mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li hija kienet bagħtet lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fl-4.49 p.m. is-Sa Maria Camilleri daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sa Maria Camilleri li d-domandi u t-tweġibiet tagħha kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sa Camilleri tat rendikont tal-karriera tagħha u ċjoè karriera fl-edukazzjoni, fejn kienet il-fundatriċi tal-Iskola Mariam Al Batool; parteċipazzjoni f'numru ta' bordijiet ta' għażla u bordijiet tal-eżamijiet tas-servizz pubbliku; Membru tal-Parlament Malti matul it-Tmien Leġiżlatura, u parteċipazzjoni fil-media lokali.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Fil-5.09 p.m. is-Sa Maria Camilleri ntalbet tirtira mill-kamra tal-Kumitat sabiex issir diskussjoni qasira wara li l-Onor. Adrian Delia ppreżenta lill-Membri tal-Kumitat dokumenti relatati ma' posts fil-midja soċjali.

Fil-5.11 p.m. is-Sa Maria Camilleri ntalbet tirritorna fil-kamra tal-Kumitat.

Wara diskussjoni, il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sa Maria Camilleri u talabha tirtira mill-kamra sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sa Maria Camilleri għall-kariga ta' Ambaxxatur Mhux Residenti għall-Malasja u ntalbet votazzjoni.

Il-Kumitat ivvota hekk:

| | |
|---|---|
| **VOTAZZJONI NRU 9** | **ĦIN: 5.19 p.m.** |
| **Favur: 4** | **Kontra: 2** |
| L-Onor. | L-Onor. |
| Chris Agius<br>Katya DeGiovanni<br>Andy Ellul<br>Omar Farrugia | Adrian Delia<br>Stanley Zammit |

Il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.20 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sa Maria Camilleri tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sa Camilleri daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġiet informata li n-nomina tagħha għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Malasja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Fil-5.20 p.m. is-Sa Maria Camilleri rringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR IVAN MIFSUD GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAT-TAJLANDJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Novembru 2025, dwar in-nomina ta' Sur Ivan Mifsud għall-kariga ta' Ambaxxatur Mhux Residenti għall-Isvizzera.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Ivan Mifsud sabiex jidher quddiem il-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li huwa kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil- 5.21 p.m. is-Sur Ivan Mifsud daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Mifsud li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Ivan Mifsud ta rendikont tal-karriera tiegħu li prinċiparjament kienet fin-negozju tal-familja, fl-immaniġġjar ta' lukandi, fix-shipping, fl-ospitalità inġenerali u fit-turiżmu tal-baħar. Huwa tkellem ukoll fuq l-importanza tal-kuntatti f'dan is-settur.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Ivan Mifsud u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.43 p.m. is-Sur Ivan Mifsud irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Ivan Mifsud għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għat-Tajlandja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet unanimament.

Fil-5.45 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Ivan Mifsud jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Ivan Mifsud daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur Mhux Residenti għat-Tajlandja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Fis-5.45 p.m. is-Sur Ivan Mifsud irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR JEAN PAUL FABRI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-GŻEJJER U PAJJIŻI ŻGĦAR**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Novembru 2025, dwar in-nomina tas-Sur Jean Paul Fabri għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta Mhux Residenti għall-gżejjer u pajjiżi żgħar.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Jean Paul Fabri sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Sur Jean Paul Fabri kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-5.48 p.m. is-Sur Jean Paul Fabri daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Fabri li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Jean Paul Fabri ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala ekonomista u espert fl-ekonomija ta' gżejjer u stati żgħar, tas-sehem tiegħu bħala konsulent tekniku tal-Commonwealth Office fil-qasam tal-ekonomija u t-tibdil fil-klima ta' pajjiżi żgħar, u bħala konsulent privat fl-istess settur.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Fabri u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fis-5.56 p.m. is-Sur Jean Paul Fabri rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Jean Paul Fabri għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta Mhux Residenti għall-gżejjer u pajjiżi żgħar. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet unanimament.

Fis-5.57 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Jean Paul Fabri jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Jean Paul Fabri daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta Mhux Residenti għall-gżejjer u pajjiżi żgħar kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Fis-5.58 p.m. is-Sur Jean Paul Fabri rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

## SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR ALEXANDER DEMARCO GĦALL-ĦATRA TA' GVERNATUR TAL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, datata 26 ta' Novembru 2025, dwar in-nomina tas-Sur Alexander Demarco għall-kariga ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Alexander Demarco sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-5.58 p.m. is-Sur Alexander Demarco daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Demarco li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Alexander Demarco ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala ekonomista mal-Bank Ċentrali fejn ħadem f'diversi dipartimenti.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Alexander Demarco u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-6.37 p.m. is-Sur Demarco rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Alexander Demarco għall-kariga ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet unanimament.

Fis-6.40 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Alexander Demarco jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Alexander Demarco daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Prim Ministru.

Is-Sur Alexander Demarco rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fis-6.41 p.m. il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JOSANNE PARIS**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**